**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 45 – IT-TNEJN, 4 TA' OTTUBRU 2021 FIT-3.15PM**

Il-Kunsill iltaqa' fil-boardroom

Preżenti

| | |
|---|---|
| Trevor Fenech | Sindku |
| Anthony Mifsud Bonnici | Viċi Sindku |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Joe Aquilina | Kunsillier |
| David Dalli | Kunsillier |
| Tania Borg | Kunsillier |
| Violet Bajada | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Kunsillier |

## 1 Approvazzjoni Minuti Numru 44

1.1 Wara l-paragrafu 4.3 u qabel il-paragrafu 4.4 għandha tiġi nkluża "Is-Sinjura Tania Borg ħarġet mil-laqgħa wara argument mas-Sur David Dalli. Hi daħlet lura ftit ħin wara. Is-Sinjura Violet Bajada pproponiet li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 2 Punti mtella mill-Minuti 44

2.1 Ma kienx hemm punti.

## 3 Pagamenti 44

3.1 Is-Sinjura Tania Borg ipproponiet li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Violet Bajada ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 4 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Il-Kunsill ġie nfurmat li rċieva ittra bl-Avukat mis-Sur Vella Critien dwar l-oġġezzjoni tiegħu li ser issir in-niċċa tal-Madonna fi Triq il-Kappella. Il-Kunsill irrisponda lura permezz ta' ittra bl-Avukat tiegħu.

## 5 Korrispondenza

5.1 Kien hemm qbil li tintlaqa' t-talba biex issir esibizzjoni ta' Die Cast Models. Kien hemm qbil li ssir talba lill-iskola biex tiġi organizzata fil-hall.

5.2 Kien hemm qbil li jiġi ingaġġat is-Sur James Sghendo biex jagħmel xogħol ta' survey tal-istreet lighting li hemm f'San Ġwann.

5.3 Kien hemm qbil li s-Sinjuri Matthew Paris, Nikita Alamango u Paul Bugeja jkunu evaluators għat-tenders tal-CCTV, Public Convenience u dawl tal-ġonna.

5.4 Kien hemm qbil li jsir Open Library. Għandhom jinġabru kwotazzjonijiet għal dan.

5.5 Dwar l-attivitajiet tal-Milied, is-Sur Dominic Cassar elenka l-lista ta' toroq u tal-pjazzez u l-ġonna fejn ser isiru d-dwal, kif ukoll fakkar li ser issir siġra tal-Milied kbira quddiem il-Knisja u 4 oħra iżgħar madwar il-lokal kif ukoll oħrajn li kellu l-Kunsill. Kien hemm qbil li l-mixgħela ssir fl-1 ta' Diċembru 2021. Il-Christmas Parade għandu jsir fit-23 u l-24 ta' Diċembru 2021 u s-San Ġwann Christmas Story jinfetaħ fis-6 ta Diċembru 2021. Kien hemm qbil li jerġgħu jsiru l-Christmas Carols fi Triq in-Naxxar u jsiru l-fireworks lejliet l-aħħar tas-sena. Qed isiru pjanijiet biex jiġu organizzati l-Christmas Market u l-kunċert bejn l-10 u t-12 ta' Diċembru 2021.

5.6 Kien hemm qbil li l-Kunsill jipprovdi transport għat-tfal biex imorru jaraw lil Malta tilgħab fl-istadium nazzjonali.

.

5.7 Il-Kunsill ġie nfurmat li ser issir attività sportiva fil-Ġnien Ta' Żwejt b'kollaborazzjoni ma' SportMalta fis-6 ta' Ottubru mill-5.00pm sas-7.00pm.

5.8 Il-Kunsill ġie nfurmat li t-talba għal devolution għall-art f'Ta' Żwejt għadha pendenti mad-DLG minkejja li t-talba mill-Kunsill saret fit-23 ta Ġunju 2021.

## 6 Affarjiet Oħra

6.1 Is-Sinjura Tania Borg ġabet għall-attenzjoni li għandhom jittieħdu xi ritratti ta' affarjiet roża għall-okkażjoni ta' Pink October.

6.2 Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici ppropona li ssir ħarġa għall-anzjani fi żmien il-Milied. Kien hemm qbil fil-prinċipju. Għandhom jinġabru l-kwotazzjonijiet.

6.3 Is-Sinjura Joan Farrugia talbet biex il-kennis ikompli jiknes sal-entraturi tal-flats f'Misraħ Lewża.

6.4 Is-David Dalli nforma lill-Kunsill li kien avvicinat biex isir food bank f'San Ġwann. Għandu jitkellem ma' din il-persuna biex tgħaddi l-informazzjoni lill-Kunsill dwar it-talba tagħha. Hu rrimarka wkoll li hemm tabella li kellha tinbidel u għadha ma nbidlitx.

6.5 Is-Sinjura Violet Bajada staqsiet dwar l-injections tal-influenza. Għandha tintbagħat email lill-Primary Health Care dwar dan.

**7 Għeluq il-Laqgħa**

7.1 Il-laqgħa spiċċat fl-4.35pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 25 ta' Ottubru 2021 fit-3.30pm jekk ikun hemm konsensus.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Trevor Fenech**
**Sindku**